**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 501/15 AL

AB
vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti izzewgu fit-28 ta' Gunju 1998, gewwa l-Knisja ta' Santa Marija, Birkirkara, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u immarkat bhala Dokument 'A';
2. Illi mill-istess unjoni twieldu tifla, mb, li twieldet fit-23 ta' Dicembru 2000, illum ghadha minorenni;
3. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Marco Burlo' fis-17 ta' Ottubru 2007 (Dokument 'B'), in virtu ta' liema kuntratt il-partijiet lahqu ftehim bejniethom ghal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta' manteniment kif ukoll kwistjonijiet relatrati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati;

4. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn dawn l-ahhar erba' snin u ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejnietom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;
5. Illi l-partijiet ghandhom dhul u / jew manteniment adegwat ghalihom u ghal binthom minuri, u in oltre m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet;
6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni :

(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fit-28 ta' Gunju 1998, bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi (Art. 66A, Kap. 16);
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku; (Art 66A(4), Kap. 16);

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tiddikjara li hi mhux qed topponi ghall-ghoti tad-divorzju basta li l-attur ihallas l-ispejjez kollha relatati mieghu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Ottubru 2007 u illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.